# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 41

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

18 ta' Frar 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/222 tal-5 ta' Frar 2016 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (ម្រេចកំពត (Mrech Kampot)/Poivre de Kampot (IGP))** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/223 tas-17 ta' Frar 2016 li jistabbilixxi proċedura għall-valutazzjoni ta' ċerti talbiet għal trattament ta' ekonomija tas-suq u għal trattment individwali li jsiru minn produtturi esportaturi miċ-Ċina u mill-Vjetnam, u li jimplimentaw is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi magħquda C-659/13 u C-34/14** 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/224 tas-17 ta' Frar 2016 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 dwar l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat** ..... 8

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/225 tas-17 ta' Frar 2016 li jiffissal-volum massimu ta' prodotti għal kull Stat Membru u l-perjodu li fih jistgħu jitressqu applikazzjonijiet għal għajnuna għall-ħżin privat ta' kwantitajiet ta' ċerti ġobnijiet li jifdal u li jibqgħu ma jintużawx, għajr dawk stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852** ..... 10

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/226 tas-17 ta' Frar 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 999/2014 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** ..... 13

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/227 tas-17 ta' Frar 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 17

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/228 tal-14 ta' Lulju 2015 dwar il-proċedura ta' riżoluzzjoni** 20

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/229 tas-16 ta' Frar 2016 li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** ... 22

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/230 tas-17 ta' Frar 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ... 23

LINJI GWIDA

★ **Linja Gwida (UE) 2016/231 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Novembru 2015 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2011/23 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2015/39)** ... 28

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/222

**tal-5 ta' Frar 2016**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (ម្រេចកំពត (Mrech Kampot)/Poivre de Kampot (IGP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "ម្រេចកំពត" (Mrech Kampot)/"Poivre de Kampot" depożitata mill-Kambodja, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi ma saret l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "ម្រេចកំពត" (Mrech Kampot)/"Poivre de Kampot" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "ម្រេចកំពត" (Mrech Kampot)/"Poivre de Kampot" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 1.8 — "Prodotti oħrajn elenkati fl-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.)" tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 265, 13.8.2015, p. 7.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/223

## tas-17 ta' Frar 2016

## li jistabbilixxi proċedura għall-valutazzjoni ta' ċerti talbiet għal trattament ta' ekonomija tas-suq u għal trattment individwali li jsiru minn produtturi esportaturi miċ-Ċina u mill-Vjetnam, u li jimplimentaw is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi magħquda C-659/13 u C-34/14

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 266 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

(1) Fit-23 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 553/2006 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ") u mill-Vjetnam (ir-"Regolament provviżorju") ([2]).

(2) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 ([3]), il-Kunsill impona dazji antidumping definittivi li jvarjaw minn 9,7 % għal 16,5 % fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda, li joriġinaw fil-Vjetnam u fir-RPĊ għal sentejn ("ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006" jew "ir-Regolament ikkontestat").

(3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 388/2008 ([4]) il-Kunsill estenda l-miżuri definitivi tal-antidumping fuq l-importazzjoni ta' ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ikkunsinjati mir-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makaw ("SAR"), kemm jekk iddikjarati li joriġinaw fl-SAR tal-Makaw kif ukoll jekk le.

(4) Wara rieżami tal-iskadenza mibdi fit-3 ta' Ottubru 2008 ([5]), il-Kunsill estenda aktar il-miżuri antidumping għal 15-il xahar permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1294/2009 ([6]), jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2011, meta l-miżuri skadew ("ir-Regolament (KE) Nru 1294/2009").

(5) Brosmann Footwear (HK) Ltd, Seasonable Footwear (Zhongshan) Ltd, Lung Pao Footwear (Guangzhou) Ltd u Risen Footwear (HK) Co Ltd, kif ukoll Zhejiang Aokang Shoes Co. Ltd ("l-applikanti") ikkontestaw ir-Regolament ikkontestat fil-Qorti tal-Prim Istanza (issa: il-Qorti Ġenerali). B'sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-401/06 Brosmann Footwear (HK) u Oħrajn vs il-Kunsill [2010] Ġabra II-671 u tal-4 ta' Marzu 2010 fil-Kawżi Konġunti T-407/06 u T-408/06 Zhejiang Aokang Shoes u Wenzhou Taima Shoes vs il-Kunsill [2010] Ġabra II-747 ("sentenzi tal-Qorti Ġenerali"), il-Qorti Ġenerali rrifjutat dawk il-kontestazzjonijiet.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

([2]) ĠU L 98, 6.4.2006, p. 3.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċertu tipi ta' lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam (ĠU L 275, 6.10.2006, p. 1)

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2008 tad-29 ta' April 2008 li jestendi l-miżuri antidumping definittivi imposti mir-Regolament (KE) Nru 1472/2006 fuq importazzjonijiet ta' ċertu xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet tal-istess prodott konsenjati mill-Makaw SAR, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Makaw SAR u kemm jekk le (ĠU L 117, 1.5.2008, p. 1)

([5]) ĠU C 251, 3.10.2008, p. 21.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1294/2009 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li ġej mill-Vjetnam u li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ċertu tipi ta' xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda kkunsinnati mill-Makaw SAR, sew jekk dikjarati li joriġinaw fil-Makaw SAR sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 352, 30.12.2009, p. 1).

(6) L-applikanti appellaw dawk is-sentenzi. Fis-sentenzi tagħha tat-2 ta' Frar 2012 fil-kawża C-249/10 P Brosmann et al u tal-15 ta' Novembru 2012 fil-kawża C-247/10P Zhejiang Aokang Shoes Co. Ltd, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea annullat is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali. Hija ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta hija ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa li teżamina talbiet għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") skont l-Artikolu 2(7)(b) u (c) tar-Regolament bażiku minn negozjanti mhux inklużi fil-kampjun (il-paragrafu 36 tas-sentenza fil-Kawża C-249/10 P u l-paragrafu 29 u 32 tas-sentenza fil-Kawża C-247/10 P).

(7) Il-Qorti mbagħad tat sentenza hi stess f'dan il-qasam. Hija ddeċidiet li: "[…] il-Kummissjoni kellha teżamina t-talbiet dokumentati li l-appellanti ppreżentawlha fuq il-bażi tal-Artikolu 2(7)(b) u (c) tar-Regolament bażiku sabiex jibbenefikaw minn TES fil-kuntest tal-proċedura antidumping prevista mir-Regolament ikkontestat. Barra minn hekk għandu jiġi kkonstatat li ma huwiex eskluż li eżami bħal dan kien iwassal għall-impożizzjoni, fir-rigward tagħhom, ta' dazju antidumping definittiv differenti mid-dazju ta' 16,5 % li huwa applikabbli fir-rigward tagħhom bis-saħħa tal-Artikolu 1(3) tar-regolament ikkontestat. Fil-fatt, minn din l-istess dispożizzjoni jirriżulta li dazju antidumping definittiv ta' 9,7 % ġie impost fir-rigward tal-operatur uniku taċ-Ċina li jidher fil-kampjun li kiseb it-TES. Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 38 tas-sentenza preżenti, kieku l-Kummissjoni kienet ikkonstatat li l-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kienu jipprevalu wkoll għall-appellanti, dawn tal-aħħar, meta l-kalkolu ta' marġni individwali ma kienx possibbli, kellhom jibbenefikaw ukoll minn din l-aħħar imsemmija rata" (il-paragrafu 42 tas-sentenza fil-Kawża C-249/10 P u l-paragrafu 36 tas-sentenza fil-Kawża C-247/10 P).

(8) Bħala konsegwenza, hija annullat ir-Regolament ikkontestat, sa fejn jirrigwarda l-applikanti kkonċernati.

(9) F'Ottubru 2013, il-Kummissjoni, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1] ħabbret li hija kienet iddeċidiet li terġa' tibda l-proċediment antidumping fil-punt eżatt li fih saret l-illegalità, u li teżamina jekk il-kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq ipprevalewx għall-applikanti għall-perjodu mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005 u stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw ruħhom.

(10) F'Marzu 2014, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/149/UE [2], irrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni li jadotta Regolament ta' Implimentazzjoni li jerġa' jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u prodotti minn Brosmann Footwear (HK) Ltd, Seasonable Footwear (Zhongshan) Ltd, Lung Pao Footwear (Guangzhou) Ltd, Risen Footwear (HK) Co. Ltd u Zhejiang Aokang Shoes Co. Ltd u temm il-proċedimenti fir-rigward ta' dawk il-produtturi. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-importaturi li jkunu xtraw żraben minn dawk il-produtturi esportaturi, li għalihom id-dazji doganali rilevanti kienu ġew rimborsati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq il-bażi tal-Artikolu 236 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/1992 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3] (il-"Kodiċi Doganali tal-Komunità"), kienu kisbu aspettattivi leġittimi fuq il-bażi tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament ikkontestat, li kien għamel id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, u b'mod partikolari l- Artikolu 221 tiegħu, applikabbli għall-ġbir tad-dazji, li jistgħu jiġu kkontestati permezz tal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

(11) Żewġ importaturi tal-prodott ikkonċernat, C&J Clark International Ltd. u Puma SE kkontestaw il-miżuri antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti żraben miċ-Ċina u mill-Vjetnam u invokaw il-ġurisprudenza msemmija fil-premessi (5) sa (7) quddiem il-Qrati nazzjonali tagħhom, li rreferew il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari.

(12) Fil-Kawżi magħquda C-659/13 C&J Clark International Limited u C-34/14 Puma SE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 u (KE) Nru 1294/2009 bħala invalidi sakemm il-Kummissjoni Ewropea ma eżaminatx it-talbiet għal trattament ta' ekonomija tas-suq u għal trattament individwali ("TI") ippreżentati mill-produtturi esportaturi fl-RPĊ u l-Vjetnam li ma kinux fil-kampjun, kuntrarjament għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 2(7)(b) u 9(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("is-sentenzi").

[1] ĠU C 295, 11.10.2013, p. 6.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/149/UE tat-18 ta' Marzu 2014 li tirrifjuta l-proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni li jerġa' jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu xedd tas-saqajn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u prodotti minn Brosmann Footwear (HK) Ltd, Seasonable Footwear (Zhongshan) Ltd, Lung Pao Footwear (Guangzhou) Ltd, Risen Footwear (HK) Co Ltd u Zhejiang Aokang Shoes Co. Ltd, (ĠU L 82, 20.3.2014, p. 27).

[3] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

(13) L-Artikolu 266 tat-TFUE jistipula li l-Istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jimxu b'konformità mas-sentenzi tal-Qorti. Fil-każ ta' annullament ta' att adottat mill-Istituzzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva, bħall-antidumping, il-konformità mas-sentenza tal-Qorti tikkonsisti fil-bdil tal-att annullat b'att ġdid, li fih l-illegalità identifikata mill-Qorti tiġi eliminata ("is-sentenza Asteris") ([1]).

(14) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, il-proċedura ta' sostituzzjoni tal-att annullat tista' titkompla fil-punt li fih saret l-illegalità ([2]). Dan jimplika b'mod partikolari li f'sitwazzjoni fejn att li jikkonkludi proċedura amministrattiva jiġi annullat, l-annullament mhux neċessarjament jaffettwa l-atti preparatorji, bħall-bidu tal-proċedura antidumping. F'sitwazzjoni fejn Regolament li jimponi miżuri definittivi ta' antidumping jiġi annullat, dan ifisser li wara l-annullament, il-proċedura antidumping tkun għadha miftuħa, għaliex l-att li jikkonkludi l-proċediment antidumping jisparixxi mill-ordni legali tal-Unjoni ([3]), ħlief jekk l-illegalità tkun saret fl-istadju tal-bidu.

(15) Minbarra l-fatt li l-Istituzzjonijiet ma eżaminawx it-talbiet għal MET u għal TI provenjenti minn produtturi esportaturi fir-RPĊ u l-Vjetnam li ma kinux fil-kampjun, is-sejbiet l-oħra kollha magħmula fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1294/2009 jibqgħu validi.

(16) F'dan il-każ, l-illegalità saret wara l-bidu. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tibda dan il-proċediment antidumping li kien għadu miftuħ fil-punt li fih saret l-illegalità u teżamina jekk kinux jipprevalu l-kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq għall-produtturi esportaturi kkonċernati għall-perjodu mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005.

(17) Għal importazzjonijiet ta' C&J Clark International Ltd. u Puma SE, il-Kummissjoni se tivvaluta t-talbiet għal MET u għal TI imressqa.

(18) Huwa xieraq li l-awtoritajiet doganali nazzjonali jiġu ordnati biex sadanittant, abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku, ma jroddux lura dawk id-dazji. Il-Kummissjoni se tagħmel din il-valutazzjoni fi żmien tmien xhur mid-data tas-sentenza.

(19) Għal importazzjonijiet ta' importaturi oħra li huma stess ma ppreżentawx rikors għall-annullament, u li b'hekk jistgħu jiddependu fuq is-sentenza fl-applikazzjonijiet tagħhom għar-rimbors tad-dazji antidumping skont l-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, il-Kummissjoni għandha, għal raġunijiet ta' użu effiċjenti ta' riżorsi, tivvaluta biss it-talbiet għal TES u għal TI ta' dawk il-produtturi li jesportaw li huma kkonċernati minn talbiet tar-rimbors li tressqu għand l-awtoritajiet doganali nazzjonali fil-ħin u fil-forma dovuti. Il-Kummissjoni tinnota li skont l-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jitħallsu lura jew jintbagħtu malli tiġi preżentata applikazzjoni lill-uffiċċju doganali xieraq fi żmien tliet snin mid-data li fiha l-ammont ta' dawk id-dazji kien ġie kkomunikat lid-debitur. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-annullament ta' Regolament li jimponi dazji antidumping ma kinux jikkostitwixxu każ fortuwitu fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, li tippermetti estensjoni tat-terminu ta' tliet snin li matulu importatur jista' jitlob ir-rimbors tad-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa skont dak ir-regolament.

## B. **IMPLIMENTAZZJONI TAS-SENTENZI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FIL-KAWŻI MAGĦQUDA C-659/13 U C-34/14**

(20) Jekk att tal-Istituzzjonijiet ikun ġie ddikjarat invalidu permezz ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali sentenza għandha effetti *erga omnes* ([4]), jiġifieri mhijiex limitata għall-applikant quddiem il-qorti nazzjonali li mbagħad iqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. F'sitwazzjoni bħal din, il-Kummissjoni hija għalhekk obbligata li timplimenta s-sentenza fir-rigward tal-partijiet kollha affettwati mill-illegalità li wasslet għall-annullament tal-miżura.

(21) Il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tirrimedja l-aspetti tar-Regolament ikkontestat li wasslu għall-annullament tiegħu, filwaqt li ma tbiddilx il-partijiet tal-valutazzjoni li ma kinux milquta mis-sentenza ([5]).

---

([1]) Il-kawżi magħquda 97, 193, 99 u 215/86 *Asteris AE u oħrajn u r-Repubblika Ellenika* vs *il-Kummissjoni* [1988] Ġabra 2181, paragrafi 27 u 28.

([2]) Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, paragrafu 31; Kawża C-458/98 P *Industrie des Poudres Sphériques* vs *Il-Kunsill* [2000] I-8147, paragrafi 80 sa 85; Kawża T-301/01 *Alitalia* vs *il-Kummissjoni* [2008] II-1753, paragrafi 99 u 142; Kawżi Magħquda T-267/08 u T-279/08 *Région Nord-Pas de Calais* vs *il-Kummissjoni* [2011] II-0000, paragrafu 83.

([3]) Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, paragrafu 31; Kawża C-458/98 P *Industrie des Poudres Sphériques* vs *il-Kunsill* [2000] I-8147, paragrafi 80 to 85.

([4]) Kawża 66/80 *International Chemical Corporation* [1981] 1191, paragrafu 18.

([5]) Kawża C-458/98 P *Industrie des Poudres Sphériques* vs *il-Kunsill* [2000] I-8147, paragrafu 80 sa 85.

(22) Sabiex ikun żgurat użu effiċjenti tar-riżorsi, il-Kummissjoni tastjeni milli tinvestiga t-talbiet kollha għal TES u TI magħmula minn produtturi esportaturi Ċiniżi u Vjetnamiżi mhux inklużi fil-kampjun matul l-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat. Minflok, hija tqis li huwa xieraq li tobbliga l-awtoritajiet doganali nazzjonali, li jkollhom jiddeċiedu dwar applikazzjoni għal rimbors ta' dazju antidumping fuq il-bażi tal-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]), li jibagħtu t-talba għal rimbors lill-Kummissjoni u li jistennew il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-talba għal TES u TI, fejn xieraq, l-impożizzjoni mill-ġdid ta' dazju antidumping bir-rata xierqa, qabel ma jipproċedu b'rimbors. Il-bażi ġuridika ta' tali obbligu hija l-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku, li jipprovdi li r-Regolament li jimponi d-dazji għandu jispeċifika l-modalitajiet dettaljati tal-ġbir tiegħu mill-Istati Membri.

(23) Il-Kummissjoni mbagħad tivverifika jekk il-produttur esportatur li l-esportazzjonijiet tiegħu kienu suġġetti għal talba għar-rimbors kinux fil-fatt talbu l-valutazzjoni tat-TES jew tat-TI u jekk iva, jekk tali produttur esportatur għandux jingħata t-TES jew it-TI jew le.

(24) Il-Kummissjoni se tadotta Regolamenti li jistabbilixxu l-valutazzjoni u l-impożizzjoni mill-ġdid, fejn ikun xieraq, tar-rata ta' dazju applikabbli. Dawk ir-rati ġodda stabbiliti jidħlu fis-seħħ mid-data li fiha r-regolament annullat daħal fis-seħħ.

(25) Għalhekk, l-awtoritajiet doganali nazzjonali huma obbligati li jistennew l-eżitu ta' tali investigazzjoni qabel ma jiddeċiedu dwar kwalunkwe talba għar-rimbors.

(26) Il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tirrispetta d-dewmien previst fir-Regolament bażiku għall-valutazzjoni tal-MET u tat-TI, jiġifieri tmien xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni mingħand l-awtoritajiet doganali nazzjonali, sabiex jiġi evitat kull dewmien bla bżonn.

## C. **KONKLUŻJONIJIET**

(27) L-analiżi ta' talbiet għal TES u għal TI tal-produtturi esportaturi li biegħu lil Puma SE u C&J Clark International Ltd għandha titwettaq fi żmien tmien xhur mid-data tas-sentenza.

(28) Fir-rigward tad-dazju anti-dumping impost fuq produtturi esportaturi Ċiniżi u Vjetnamiżi (minbarra dawk soġġetti għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/149/UE u dawk imsemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu) l-awtoritajiet doganali nazzjonali li quddiemhom saru t-talbiet għal ħlas lura jew maħfra ta' dazji antidumping imħallsa fir-rigward ta' esportazzjonijiet ta' dawn il-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, biex din tkun tista' tivvaluta l-MET u timponi mill-ġdid, fejn xieraq, id-dazji antidumping.

## D. **KUMITAT**

(29) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. L-awtoritajiet doganali nazzjonali, li jkunu rċevew talba għal rimbors, ibbażata fuq l-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, tad-dazji antidumping imposti permezz tar- Regolament (UE) Nru 1472/2006 jew ir-Regolament (UE) Nru 1294/2009 u miġbura mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, li hija bbażata fuq il-fatt li produttur esportatur mhux fil-kampjun talab TES jew TI, għandhom jgħaddu din it-talba u kwalunkwe dokument ta' prova lill-Kummissjoni.

2. Fi żmien tmien xhur minn meta jkunu rċevuti t-talba u kwalunkwe dokument ta' prova, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-produttur esportatur ressaqx fil-fatt talba għal MET u għal TI. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba u timponi mill-ġdid id-dazju adegwat permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, wara divulgazzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku.

3. L-awtoritajiet doganali nazzjonali għandhom jistennew il-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni rilevanti li jimponi mill-ġdid id-dazji qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba għal ħlas lura u l-maħfra ta' dazji antidumping.

([1]) Jew, mill-1 ta' Mejju 2016, abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru. 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kodiċi doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/224

## tas-17 ta' Frar 2016

## li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 dwar l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 20(c), (f), (l), (m) u (n) u l-Artikolu 223(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 947/2014 ([4]) u (UE) Nru 948/2014 ([5]) fetħu skemi ta' ħżin privat ta' butir u trab tal-ħalib xkumat, rispettivament, minħabba sitwazzjoni tas-suq partikolarment diffiċli li b'mod partikolari rriżultat mill-projbizzjoni introdotta mir-Russja fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħalib mill-Unjoni lejn ir-Russja.

(2) Dawk l-iskemi ta' ħżin privat ġew estiżi bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2014 ([6]), (UE) 2015/303 ([7]) u (UE) 2015/1548 ([8]). B'riżultat ta' dan, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jiddaħħlu sad-29 ta' Frar 2016.

(3) Fil-25 ta' Ġunju 2015 ir-Russja estendiet il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-Unjoni għal sena oħra, sas-6 ta' Awwissu 2016.

(4) Barra minn hekk, id-domanda globali għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib baqgħet dgħajfa matul l-2015, filwaqt li l-provvista tal-ħalib żdiedet fir-reġjuni ewlenin li jesportaw.

(5) B'konsegwenza ta' dan, il-prezzijiet tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni komplew jiddeterjoraw u l-pressjoni 'l isfel x'aktarx li tissokta.

(6) Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tas-suq, jixraq li tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr problemi tal-iskemi ta' għajnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat, u li dawn jiġu estiżi sal-aħħar tal-perjodu ta' intervent tal-2016, it-30 ta' Settembru 2016.

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 947/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jiftaħ il-ħżin privat għall-butir u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajnuna (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 15).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 948/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jiftaħ il-ħżin privat għat-trab tal-ħalib xkumat u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajnuna (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 18).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 fir-rigward tal-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 15).
([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/303 tal-25 ta' Frar 2015 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 fir-rigward tal-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠU L 55, 26.2.2015, p. 4).
([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1548 tal-Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2015 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 fir-rigward tal-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠU L 242, 18.9.2015, p. 26).

(7) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-possibbiltà li jitressqu applikazzjonijiet skont l-iskemi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014**

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 947/2014, "id-29 ta' Frar 2016" tinbidel bi "it-30 ta' Settembru 2016".

*Artikolu 2*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 948/2014**

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 948/2014, "id-29 ta' Frar 2016" tinbidel bi "it-30 ta' Settembru 2016".

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/225

## tas-17 ta' Frar 2016

## li jiffissal-volum massimu ta' prodotti għal kull Stat Membru u l-perjodu li fih jistgħu jitressqu applikazzjonijiet għal għajnuna għall-ħżin privat ta' kwantitajiet ta' ċerti ġobnijiet li jifdal u li jibqgħu ma jintużawx, għajr dawk stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1852 tal-15 ta' Ottubru 2015 li jiftaħ skema temporanja eċċezzjonali ta' għajnuna għall-ħżin privat ta' ċerti ġobnijiet u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajnuna ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1852 fetaħ skema temporanja eċċezzjonali ta' għajnuna għall-ħżin privat ta' ċerti ġobnijiet u ffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajnuna.

(2) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2015/1852 stabbilixxa l-15 ta' Jannar 2016 bħala l-aħħar data għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

(3) L-Irlanda, Franza, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni dwar ix-xewqa tagħhom li jkomplu jagħmlu użu mill-iskema tal-għajnuna għall-ħżin privat.

(4) Wara l-15 ta' Jannar 2016 kien għad fadal kwantità ta' 68 123 tunnellata li ma ntużatx. Għalhekk ikun tajjeb li din il-kwantità tkun disponibbli għal dawk l-Istati Membri li wrew ix-xewqa tagħhom li jkomplu jagħmlu użu mill-iskema tal-għajnuna għall-ħżin privat u li tiġi stabbilita l-kwantità għal kull Stat Membru, dejjem wara li jiġu kkunsidrati l-kwantitajiet li huma kienu diġà applikaw għalihom sal-15 ta' Jannar 2016.

(5) Għandu jiġi stabbilit perjodu ġdid għat-tressiq tal-applikazzjonijiet.

(6) Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852 għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-għajnuna għall-ħżin privat għal ċerti ġobnijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni tal-iskema stabbilita minn dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Il-volum massimu ta' prodotti għal kull Stat Membru li huwa soġġett għall-iskema temporanja eċċezzjonali tal-għajnuna għall-ħżin privat tal-kwantitajiet ta' ċerti ġobnijiet li jifdal u li jibqgħu ma jintużawx, kif previst fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852, huwa stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/1852 għall-implimentazzjoni tal-iskema għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 271, 16.10.2015, p. 15.

*Artikolu 2*

**Applikazzjonijiet għall-għajnuna**

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jitressqu minn dakinhar li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament. L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet hija t-30 ta' Settembru 2016.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Stat Membru | Kwantitajiet massimi (tunnellati) |
|---|---|
| L-Irlanda | 4 127 |
| Franza | 6 340 |
| L-Italja | 27 025 |
| Il-Litwanja | 2 616 |
| In-Netherlands | 16 526 |
| Il-Finlandja | 694 |
| L-Iżvezja | 2 126 |
| Ir-Renju Unit | 8 669 |
| Total | 68 123 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/226**

**tas-17 ta' Frar 2016**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 999/2014 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) u 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2022/95 ([2]), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3102 30 90 u 3102 40 90 u li joriġinaw mir-Russja. Skont investigazzjoni ulterjuri, li stabbilixxiet li d-dazju kien qed jiġi assorbit, il-miżuri kienu emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 663/98 ([3]) Wara rieżami ta' skadenza u rieżami interim skont l-Artikoli 11(2) u 11(3) rispettivament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 ([4]), il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 658/2002 ([5]), impona dazju definittiv antidumping ta' EUR 47,07 għal kull tunnellata fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 u li joriġinaw mir-Russja. Sussegwentement, sar rieżami interim tal-ambitu tal-prodott skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 u, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 945/2005 ([6]), dazju definittiv antidumping li jvarja bejn EUR 41,42 għal kull tunnellata u EUR 47,07 għal kull tunellata kien impost fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi li joriġinaw mir-Russja b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jeċċedi 80 % tal-piż, li attwalment jaqgħu taht il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20.

(2) Wara t-tieni rieżami ta' skadenza u t-tieni rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, il-miżuri antidumping deskritti fil-premessa preċedenti (kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 945/2005), nżammu bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 ([7]), ħlief għall-EuroChem Group, li għalih l-ammont fiss ta' dazju kien ivarja bejn EUR 28,88 u EUR 32,82 għal kull tunnellata.

(3) Bid-Deċiżjoni 2008/577/KE ([8]), il-Kummissjoni aċċettat l-offerti tal-impenn b'limitu kwantitattiv minn, fost l-oħrajn, il-produtturi Russi Open Joint Stock Company (JSC bir-Russu OAO) Acron u JSC Dorogobuzh.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2022/95 tas-16 ta' Awwissu 1995 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 198, 23.8.1995, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 663/98 tat-23 ta' Marzu 1998 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2022/95 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 93, 26.3.1998, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1).
([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 658/2002 tal-15 ta' April 2002 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 102, 18.4.2002, p. 1).
([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 945/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 658/2002 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrat tal-ammonju li joriġina mir-Russja u r-Regolament (KE) Nru 132/2001 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw, inter alia, mill-Ukraina, wara r-rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 160, 23.6.2005, p. 1).
([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara verifika ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) u rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 185, 12.7.2008, p. 1).
([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/577/KE tal-4 ta' Lulju 2008 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment antidumping firrigward tal-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja u fl-Ukrajna (ĠU L 185, 12.7.2008, p. 43).

(4) Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Settembru 2008 [1], interpretata b'sentenza tad-9 ta' Lulju 2009 [2], il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament (KE) Nru 945/2005 f'dak li kien jikkonċerna Open Joint Stock Company (JSC) Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat (Kirovo), parti minn OJSC UCC Uralchem (Uralchem). Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 989/2009 [3], emenda r-Regolament (KE) Nru 661/2008 skont dan. Konsegwentement, għall-kumpanija Kirovo d-dazju antidumping (EUR 47,07 kull tunnellata) japplika biss għal importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jaqgħu fil-kodiċijiet NM 3102 30 90 u 3102 40 90.

(5) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 999/2014 [4], il-Kummissjoni żammet il-miżuri antidumping (kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 989/2009), wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(6) Fis-16 ta' Settembru 2015 Kirovo innotifikat lill-Kummissjoni bir-riorganizzazzjoni ppjanata tagħha fi ħdan il-grupp ta' kumpaniji Uralchem. Mill-1 ta' Ottubru 2015 Kirovo effettivament ma għadhiex kumpanija b'ishma konġunti fi ħdan OJSC UCC Uralchem (Uralchem), iżda saret fergħa ta' Uralchem, imsejjħa Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat Brach ta' OJSC UCC Uralchem (Kirovo Branch). Il-kumpanija sostniet li l-għan ta' din ir-riorganizzazzjoni kienet sabiex ittejjeb il-governanza korporattiva tal-grupp Uralchem kollu kemm hu.

(7) Uralchem għandha sit ieħor ta' produzzjoni, il-fergħa f'Azot ta' Uralchem, li tinsab f'Berezniki (ir-Russja), li għaliha jiġi applikat id-dazju antidumping (EUR 47,07 kull tunnellata) għat-tipi kollha ta' nitrat tal-ammonju speċifikati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjpni (UE) Nru 999/2014. Għalhekk, ir-riskju ta' evażjoni jeħtieġ li jiġi vvalutat minħabba l-fatt li issa hemm żewġ fergħat (Berezniki u Kirovo) fi ħdan l-istess entità legali li jipproduċu nitrat tal-ammonju.

(8) B'hekk il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija u kull informazzjoni oħra għad-dispożizzjoni tagħha u kkonkludiet li r-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri tal-antidumping fil-fergħat differenti ta' Uralchem huwa baxx għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt.

(9) L-ewwel nett, peress li l-bidla tal-miżuri wara r-Regolament (KE) Nru 989/2009 (meta d-dazji antidumping applikabbli għal Kirovo kienu limitati biss għal importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90) m'hemm l-ebda evidenza li Uralchem tkun użat skorrettament l-eżenzjoni applikabbli għal Kirovo. Tabilħaqq, l-importazzjonijiet ta' AN li bħalissa ma jaqgħux fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM 3102 30 90 u 3102 40 90 baqgħu stabbli minn mindu saret l-emenda tal-miżuri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda indikazzjonijiet li l-impjant ta' Berenzki kien ddikjara ħażin xi parti mill-produzzjoni tiegħu bħala li ġew prodotti minn Kirovo, u b'hekk li abbuża mill-eżenzjoni mogħtija lil Kirovo.

(10) It-tieni, Uralchem qalet li skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fir-Russja, il-fertilizzanti huma suġġetti għal reġistrazzjoni obbligatorja u l-immarkar, inklużi l-isem legali propja u l-indirizz fiżiku tas-sit ta' produzzjoni. Is-sit ta' produzzjoni tal-manifattur għandu jkun inkluż ukoll f'għadd ta' dokumenti uffiċjali oħra. Fl-aħħar nett, jekk in-nitrat tal-ammonju huwa esportat, is-sit tal-produzzjoni għandu jkun jinsab f'għadd ta' dokumenti obbligatorji, bħad-dikjarazzjoni doganali għall-esportazzjoni, iċ-ċertifikat ta' oriġini u n-noti ta' kunsinna. Għalhekk, huwa probabbli li ladarba l-kodiċi addizzjonali TARIC A959 jiġi attribwit lil fergħa ta' Kirovo ta' Uralchem, kwalunkwe sit tal-produzzjoni ieħor tal-grupp ikun qed jużah b'mod ħażin.

(11) It-tielet nett, permezz ta' ittra indirizzata lill-Kummissjoni, datata t-13 ta' Ottubru 2015, Uralchem impenjat ruħha li mhux se tinvolvi ruħha fi kwalunkwe azzjoni li tista' twassal biex jintuża ħażin il-kodiċi addizzjonali TARIC A959, jiġifieri billi tesporta lejn l-Unjoni, skont dak il-kodiċi TARIC, prodotti mhux magħmula fil-fergħa ta' ibbażata f'Kirovo-Chepetsk, Kirov Oblast.

(12) Ir-raba' nett, il-kapaċità massima tal-impjanti ta' Berezniki u Kirovo hija wkoll magħrufa mill-Kummissjoni u hemm bżonn ta' diversi snin sabiex jinbnew faċilitajiet ġodda u tiżdied il-kapaċità eżistenti. Għalhekk, kwalunkwe żieda ta' importazzjonijiet imminenti fil-futur, b'mod partikolari 'l fuq mill-kapaċità massima tal-impjant ta' Kirovo, tista' twassal għal investigazzjoni ex-officio kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

[1] Kawża T-348/05: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat vs il-Kunsill, 10 ta' Settembru 2008, Ġabra 2008 p. II-00159, punt 1 tal-parti operattiva.

[2] Kawża T-348/05 INTP: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat vs il-Kunsill, 9 ta' Lulju 2009, Ġabra 2009 II-00116, punt 1 tal-parti operattiva.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 989/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 278, 23.10.2009, p. 1).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 999/2014 tat-23 ta' Settembru 2014 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 280, 24.9.2014, p. 19).

(13) Madankollu, sabiex ikomplu jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' ċirkomvenzjoni, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tkun żgurata l-applikazzjoni ta' dazji antidumping individwali applikabbli għad-diversi fergħat fi ħdan Uralchem. Uralchem trid tippreżenta fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri. Il-fattura għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl- Artikolu 1, it-tielet paragrafu ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura se jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju antidumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(14) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 999/2014. Dawk il-partijiet ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni. Uralchem u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa ssottomettew kummenti. Il-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(15) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 999/2014 għandu jinqara kif ġej:

"(b) Fil-każ ta' oġġetti prodotti minn 'KCKK Branch of Joint Stock Company United Chemical Company Uralchem in Kirovo-Chepetsk' (Kodiċi addizzjonali TARIC A959):

| Deskrizzjoni tal-prodott | Kodiċi NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|---|---|---|---|
| Nitrat tal-ammonju ħlief f'soluzzjonijiet tal-ilma | 3102 30 90 | — | 47,07 |
| Taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju mal-karbunat tal-kalċju jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-28 % bil-piż | 3102 40 90 | — | 47,07 |

Għall-oġġetti msemmija fil-paraagrafu 1 prodotti minn KCKK Branch of Joint Stock Company United Chemical Company Uralchem f'Kirovo-Chepetsk u li mhumiex imsemmija fit-tabbella t'hawn fuq, m'għandu japplika l-ebda dazju antidumping.

In-nuqqas ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe dazju antidumping għal ċerti prodotti magħmula mill-Fergħa KCKK ta' Joint Stock Company United Chemical Company Uralchem f'Kirovo-Chepetsk għandha tkun kundizzjonali fuq preżentazzjoni minn Joint Stock Company United Chemical Company Uralchem lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida tal-entità, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjali tal-entità li joħroġ tali fatturi, fejn jidentifika ismu/isimha u l-funzjoni, abbozzata kif ġej: '*Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li (l-volum) ta' nitrat tal-ammonju mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura kien manifatturat minn* (Fergħa KCKK ta' Joint Stock Company United Chemical Company Uralchem f'Kirovo-Chepetsk u indirizz) Kodiċi addizzjonali TARIC A959) fir-Russja. *Niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta.*' Jekk ma tiġi ppreżentata ebda tali fattura, ir-rata ta' dazju applikabbli 'għall-kumpaniji l-oħra kollha' għandha tapplika għat-tipi ta' prodotti kollha ta' nitrat tal-ammonju magħmula mill-Fergħa KCKK ta' Joint Stock Company United Chemical Company Uralchem f'Kirovo-Chepetsk"

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/227

## tas-17 ta' Frar 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | EG | 86,9 |
| | IL | 283,6 |
| | MA | 93,0 |
| | SN | 172,2 |
| | TN | 107,9 |
| | TR | 114,4 |
| | ZZ | 143,0 |
| 0707 00 05 | MA | 84,1 |
| | TR | 184,9 |
| | ZZ | 134,5 |
| 0709 93 10 | MA | 42,7 |
| | TR | 171,3 |
| | ZZ | 107,0 |
| 0805 10 20 | CL | 98,4 |
| | EG | 44,8 |
| | IL | 118,8 |
| | MA | 54,1 |
| | TN | 49,8 |
| | TR | 61,6 |
| | ZZ | 71,3 |
| 0805 20 10 | IL | 123,4 |
| | MA | 87,7 |
| | TR | 84,6 |
| | ZZ | 98,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | EG | 68,8 |
| | IL | 133,1 |
| | MA | 118,5 |
| | TR | 74,7 |
| | ZZ | 98,8 |
| 0805 50 10 | IL | 106,9 |
| | MA | 74,1 |
| | TR | 92,4 |
| | ZZ | 91,1 |
| 0808 10 80 | CL | 93,1 |
| | US | 108,2 |
| | ZZ | 100,7 |

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0808 30 90 | CL | 148,6 |
| | CN | 89,3 |
| | ZA | 97,6 |
| | ZZ | 111,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/228

## tal-14 ta' Lulju 2015

## dwar il-proċedura ta' riżoluzzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kunsill ([1]) u, b'mod partikolari, l-Artikoli 12(1) u14(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 18(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([2]) li jistabbilixxi proċedura ta' riżoluzzjoni li biha l-Kunsill jista' jintalab jiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' skemi ta' riżoluzzjoni.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2016, il-Kunsill filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, jista' joġġezzjona għal skema ta' riżoluzzjoni, jew japprova jew joġġezzjona għal modifika materjali tal-ammont tal-Fond previst għal skema ta' riżoluzzjoni adottata mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fi żmien 24 siegħa mill-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

(3) L-att tal-Kunsill għandu jiġi adottat b'vot bil-miktub minħabba d-data ta' għeluq stretta kif previst mill-Artikolu 18(7) tar-Regolament. Il-proċedura biex wieħed jagħmel oġġezzjoni għal skema ta' riżoluzzjoni, jew japprova jew joġġezzjona għal modifika materjali tal-ammont tal-Fond previst tiegħu hija, fiha nnifisha, urġenti.

(4) Għar-raġuni tal-urġenza, il-Kunsill jista' jiddelibera u jieħu d-deċiżjoni tiegħu fuq il-bażi ta' dokumenti u abbozzi mfassla f'waħda mil-lingwi speċifikati fir-regoli fis-seħħ li jirregolaw il-lingwi kif previst fl-Artikolu 14(1) tar-Regoli ta' proċedura tal-Kunsill. Dan m'għandux jikkomprometti l-obbligu li d-deċiżjoni tiġi adottata u ppubblikata bil-lingwi kollha speċifikati fir-regoli fis-seħħ li jirregolaw il-lingwi fi stadju aktar tard.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fejn il-Kunsill ikollu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni fil-qafas tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-att tal-Kunsill għandu jiġi adottat b'vot bil-miktub.

2. Meta jadotta d-deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill jista' jiddelibera u jieħu deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' dokumenti u abbozzi mfassla bl-Ingliż biss.

([1]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.
([2]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ghandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GRAMEGNA

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/229**

**tas-16 ta' Frar 2016**

**li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Daniż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2015 u fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2015/1600 ([1]) u (UE, Euratom) 2015/1790 ([2]) li jaħtru l-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sinjura Marie-Louise KNUPPERT sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Arne GREVSEN, *First Vice-President of the Danish Confederation of Trade Unions (LO)*, huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2020.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.G. KOENDERS

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1600 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 53).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/1790 tal-1 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2015 sal-20 ta' Settembru 2020 (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 23).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/230

## tas-17 ta' Frar 2016

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 107(4) u 142(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE ([2]) tistabbilixxi listi ta' pajjiżi u territorji terzi li l-arranġamenti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-arranġamenti superviżorji u regolatorji korrispondenti applikati fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(2) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjonijiet ulterjuri tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji applikabbli għad-ditti ta' investiment u skambji bl-użu tal-istess metodoloġija bħal għall-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza li wasslu għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE.

(3) Fil-valutazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat l-iżviluppi rilevanti fil-qafas superviżorju u regolatorju mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE 'l quddiem u qieset sorsi ta' informazzjoni disponibbli, inklużi l-valutazzjonijiet indipendenti mwettqa mill-għaqdiet internazzjonali, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli.

(4) Il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-Ġappun huma biss l-arranġamenti superviżorji u regolatorji applikati għal sottokategorija ta' ditti ta' investiment Ġappuniżi li jikkonformaw ma' sensiela ta' standards operattivi, organizzattivi u superviżorji, li jirriflettu l-elementi essenzjali tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni applikabbli għal ditti ta' investiment. Dik is-sottokategorija ta' ditti ta' investiment Ġappuniżi, kif definita fl-Artikolu 28 tal-Att dwar Strument Finanzjarju u Skambju tal-Ġappun, tiehu sehem f'negozju definit u fil-qafas ġuridiku tal-Ġappun tissejjaħ Operaturi tan-Negozju fi Strumenti Finanzjarji tat-Tip I (FIBOs tat-Tip I). FIBOs tat-Tip I huma suġġetti għal regoli speċifiċi relatati ma' rekwiżiti ta' kapital tar-reġistrazzjoni, kif ukoll ma' rekwiżiti ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju kurrenti. Abbażi tal-analiżi li saret, huwa xieraq li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji li japplikaw għal FIBOs tat-Tip I li jinsabu l-Ġappun jitqiesu bħala mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 107(4) u l-Artikolu 142(1)(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(5) Il-Kummissjoni kkonkludiet li Hong Kong, l-Indoneżja u l-Korea t'Isfel għandhom fis-seħħ arranġamenti superviżorji u regolatorji li jikkonformaw ma' sensiela ta' standards operattivi, organizzattivi u superviżorji, li jirriflettu l-elementi essenzjali tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni applikabbli għal ditti ta' investiment. Għalhekk, huwa xieraq li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji applikati għal ditti ta' investiment li jinsabu f'dawn il-pajjiżi u territorji terzi jitqiesu bħala mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 107(4) u l-Artikolu 142(1)(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/908/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar l-ekwivalenza ta' rekwiżiti superviżorji u regolatorji ta' ċerti pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 155).

(6) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Awstralja, l-Indoneżja u l-Korea t'Isfel għandhom fis-seħħ arranġamenti superviżorji u regolatorji li jikkonformaw ma' sensiela ta' standards operattivi, organizzattivi u superviżorji, li jirriflettu l-elementi essenzjali tal-arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-Unjoni applikabbli għall-iskambji. Għalhekk, huwa xieraq li l-arranġamenti superviżorji u regolatorji applikati għall-iskambji li jinsabu f'dawn il-pajjiżi terzi jitqiesu bħala mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 107(4) u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE għandha għalhekk tiġi emendata biex jiġu inklużi dawk il-pajjiżi u territorji terzi fil-lista adatta ta' pajjiżi u territorji terzi li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji tagħhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-iskema tal-Unjoni għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Banek Ewropej,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/908/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness II jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni;

(2) L-Anness III jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni;

(3) L-Anness V jinbidel bit-test li jinsab fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

*"ANNESS II*

**LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI TERZI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 2 (DITTI TA' INVESTIMENT)**

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Hong Kong

(6) L-Indoneżja

(7) Il-Ġappun (limitati għall-Operaturi tan-Negozju fi Strumenti Finanzjarji tat-Tip I)

(8) Il-Messiku

(9) Il-Korea t'Isfel

(10) L-Arabja Sawdija

(11) Singapor

(12) L-Afrika t'Isfel

(13) L-Istati Uniti tal-Amerka"

*ANNESS II*

*"ANNESS III*

**LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI TERZI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 3 (SKAMBJI)**

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) L-Indja

(6) L-Indoneżja

(7) Il-Ġappun

(8) Il-Messiku

(9) Il-Korea t'Isfel

(10) L-Arabja Sawdija

(11) Singapor

(12) L-Afrika t'Isfel

(13) L-Istati Uniti tal-Amerka"

*ANNESS III*

*"ANNESS V*

**LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI TERZI GĦALL-FINIJIET TAL-ARTIKOLU 5 (ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U DITTI TA' INVESTIMENT)**

Istituzzjonijiet ta' kreditu:

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Guernsey

(6) Hong Kong

(7) L-Indja

(8) Isle of Man

(9) Il-Ġappun

(10) Jersey

(11) Il-Messiku

(12) Monaco

(13) L-Arabja Sawdija

(14) Singapor

(15) L-Afrika t'Isfel

(16) L-Iżvizzera

(17) L-Istati Uniti tal-Amerka

Ditti ta' Investiment:

(1) L-Awstralja

(2) Il-Brażil

(3) Il-Kanada

(4) Iċ-Ċina

(5) Hong Kong

(6) L-Indoneżja

(7) Il-Ġappun (limitati għall-Operaturi tan-Negozju fi Strumenti Finanzjarji tat-Tip I)

(8) Il-Messiku

(9) Il-Korea t'Isfel

(10) L-Arabja Sawdija

(11) Singapor

(12) L-Afrika t'Isfel

(13) L-Istati Uniti tal-Amerka"

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2016/231 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-26 ta' Novembru 2015**

**li temenda l-Linja Gwida BĊE/2011/23 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2015/39)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 u 3.3, l-Artikoli 5.1, 12.1, 14.3 u l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 8 tiegħu,

Billi:

(1) L-istatistiċi esterni qegħdin dejjem iktar jintużaw għal għanijiet li mhumiex ta' politika monetarja, inkluża l-analiżi makroprudenzjali u l-monitoraġġ ta' żbilanċi ekonomiċi eċċessivi. Dawn l-attivitajiet, kif ukoll attivitajiet oħrajn fil-qasam tal-kooperazzjoni u r-riċerka internazzjonali, se jiġu ffaċilitati permezz tal-pubblikazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew tal-aggregati taż-żona tal-euro kkompilati fuq il-bażi tal-Linja Gwida BĊE/2011/23 ([2]) u tad-dejta nazzjonali miġbura f'dan ir-rigward.

(2) Minħabba l-bilanċ bejn il-mertu u l-ispejjeż, it-tnaqqis tal-perijodu ta' rapportar għat-trażmissjoni tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali u d-dejta tal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali li kellu jibda japplika mill-2019 skont il-Linja Gwida BĊE/2011/23, mhux se jibqa' jiġi applikat.

(3) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2011/23 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida BĊE/2011/23 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1 qed tiżdied id-definizzjoni li ġejja:

   "(17) 'settijiet ta' dejta nazzjonali pubblikabbli' tfisser dejta li tikkorrespondi mat-Tabelli 2A u 4A tal-Anness II, li huma subsettijiet tad-dejta ppreżentata, rispettivament, fit-Tabelli 2 u 4 tal-Anness II.";

2. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "1. Il-BĊNi għandhom jagħmlu disponibbli lill-BĊE dejta dwar it-tranżazzjonijiet, pożizzjonijiet u rivalutazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll fuq l-istokks ta' assi ta' riżerva, assi tal-munita barranija u obbligazzjonijiet relatati mar-riżerva. Id-dejta għandha ssir disponibbli kif iddefinit fit-Tabelli 1 sa 5 tal-Anness II skont l-iskadenzi ddefiniti fl-Artikolu 3.";

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8. (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 23).

([2]) Linja Gwida BĊE/2011/23 tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Is-subsettijiet tat-Tabelli 2A u 4A tal-Anness II għandhom ikunu disponibbli għall-BĊE bis-sottomissjoni tad-dejta ppreżentata, rispettivament, fit-Tabella 2 u 4 tal-istess Anness. Dawn jinkludu tranżazzjonijiet internazzjonali trimestrali li għandhom jintbagħtu skont l-iskadenzi ddefiniti għall-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali trimestrali kif stabbiliti fl-Artikolu 3.";

3. L-Artikolu 3(2) huwa emendat kif gej:

(a) il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) it-82 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun irrelatata d-dejta, mill-2017 'il quddiem.";

(b) il-punt (c) qed jitħassar;

4. L-Artikolu 3a li ġej huwa mdaħħal:

*"Artikolu 3a*

**Trażmissjoni u pubblikazzjoni tad-dejta mill-BĊE**

1. Il-BĊE għandu jibgħat lill-BĊNi l-aggregati taż-żona tal-euro illi jippubblika, kif ukoll is-settijiet ta' dejta nazzjonali pubblikabbli miġbura taħt l-Artikolu 2.

2. Il-BĊE jista' jippubblika settijiet ta' dejta nazzjonali pubblikabbli wara l-pubblikazzjoni tal-aggregati taż-żona tal-euro rispettivi";

5. fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa mibdul b'li ġej:

"3. Meta d-dejta għal partita fit-Tabelli 1 sa 5 tal-Anness II tkun ta' daqs negliġibbli jew insinifikanti għall-istatistika taż-żona tal-euro u dik nazzjonali, jew id-dejta għal dik il-partita ma tkunx tista' tinġabar bi spiża raġonevoli, għandhom jitħallew isiru l-aħjar estimi bbażati fuq metodoloġiji statistiċi sodi kemm-il darba ma jiġix kompromess il-valur analitiku tal-istatistika. Barra minn hekk, l-aħjar estimi għandhom jiġu permessi għall-rendikonti li ġejjin fit-Tabelli 1, 2, 2A u 6 tal-Anness II:

(a) subpartiti ta' dħul primarju fuq investiment ieħor;

(b) subpartiti ta' dħul primarju ieħor u ta' dħul sekondarju;

(c) subpartiti ta' trasferimenti kapitali fil-kont kapitali;

(d) rendikont ġeografiku ta' obbligazzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji;

(e) krediti fuq dħul investit mill-ġdid fuq ishma ta' fondi ta' investiment mingħajr kodiċi ISIN;

(f) krediti ta' dħul ta' investiment fuq ishma ta' fondi ta' investiment b'kodiċi ISIN (sakemm is-CSDB jitqies xieraq għad-derivazzjoni xierqa ta' din il-partita);

(g) rendikont ta' konsenji transkonfinali ta' karti tal-flus skont id-denominazzjoni.";

6. L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ta' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Ġunju 2016.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

L-Annessi I u II tal-Linja ta' Gwida BĊE/2011/23 huma emendati kif gej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

   (a) it-taqsima 1.2 hija mibdula b'li ġej:

"1.2. *Statistika tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali*

Għan

L-għan tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali taż-żona tal-euro huwa li jagħti informazzjoni aktar iddettaljata sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri ta' tranżazzjonijiet internazzjonali. Dejta tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali hija l-bażi wkoll għal monitoraġġ ekonomiku dettaljat tal-pajjiż.

Dawn l-istatistiċi jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet settorjali u finanzjarji taż-żona tal-euro u għall-pubblikazzjoni konġunta tal-bilanċ tal-pagamenti tal-UE/żona tal-euro b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

Rekwiżiti

L-istatistiċi trimestrali tal-bilanċ tal-pagamenti iridu jikkonformaw kemm jista' jkun mal-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4) ta' din il-Linja Gwida). Ir-rendikont meħtieġ tal-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali huwa ppreżentat fl-Anness II, Tabelli 2 u 2A. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet armonizzati użati fil-kontijiet tal-kapital u dawk finanzjarji huma stabbiliti fl- Anness III

Ir-rendikont tal-kont kurrenti trimestrali huwa simili għal dak meħtieġ għaċ-ċifri ta' kull xahar. Madankollu, għad-dħul huwa meħtieġ rendikont aktar iddettaljat fuq bażi trimestrali.

Fil-kont finanzjarju, il-BĊE jsegwi r-rekwiżiti tas-sitt edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet u tal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) (iktar 'il quddiem imsejjaħ il-'BPM6') għall-partita 'investiment ieħor'. Hemm differenza fil-preżentazzjoni tar-rendikont (i.e. settur bħala l-ewwel prijorità). Dan ir-rendikont settorjali huwa madanakollu kumpatibbli mar-rendikont tal-BPM6 meta l-istrumenti jkollhom prijorità. Bħal fil-preżentazzjoni tal-BPM6, issir distinzjoni bejn munita u depożiti u self u investimenti oħrajn.

Il-BĊNi huma meħtieġa jiddistingwu bejn tranżazzjonijiet ma' Stati Membri taż-żona tal-euro u t-tranżazzjonijiet internazzjonali l-oħrajn kollha. L-istatistiċi dwar tranżazzjonijiet netti f'assi ta' portafolji ta' investiment taż-żona tal-euro jiġu kkumpilati permezz ta' aggregazzjoni tat-tranżazzjonijiet netti rapportati f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro. Statistiċi dwar tranżazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet ta' portafolji ta' investiment taż-żona tal-euro jiġu kkumpilati permezz ta' konsolidazzjoni ta' tranżazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet nazzjonali u tranżazzjonijiet netti totali f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Għar-rigward tad-dħul minn portafolji ta' investiment, jintużaw rekwiżit ta' rapportar u metodu ta' kumpilazzjoni analogi għad-dejta aggregata.

Għal investiment dirett, il-BĊNi huma meħtieġa li jissottomettu trimestralment ir-rendikont settorjali li ġej: (a) korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (b) il-gvern ġenerali; (c) korporazzjonijiet finanzjarji minbarra IFMi; (d) korporazzjonijiet mhux finanzjarji, unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma jaħdmux bi qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi. Għall-partiti ta' 'assi ta' portafoll ta' investiment' u 'investiment ieħor' ir-rendikont tar-rapporti skont is-setturi istituzzjonali jsegwi l-komponenti standard tal-IFM li jinkludu (a) bank ċentrali; (b) korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (c) fondi tas-suq monetarju; (d) gvern ġenerali; (e) korporazzjonijiet finanzjarji minbarra IFMi; (f) korporazzjonijiet mhux finanzjarji, unitajiet domestiċi, u istituzzjonijiet li ma jaħdmux bi qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi.

Għall-kompilazzjoni tal-istatistika dwar tranżazzjonijiet netti fiż-żona tal-euro f'obbligazzjonijiet ta' investiment ta' portafoll skont is-settur ta' emittenti li huma residenti fiż-żona tal-euro, ir-rekwiżiti għal dejta trimestrali huma simili għal dawk għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar.

B'mod konformi mas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-BPM6 jirrakkomanda li l-imgħax għandu jiġi rreġistrat fuq bażi ta' dovuti. Dan ir-rekwiżit jaffettwa l-kont kurrenti (dħul minn investiment) kif ukoll il-kont finanzjarju.";

(b) is-sezzjoni 3 hija mibdula b'li ġej:

"3. **Statistika dwar il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali**

L-għan

Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali hija dikjarazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet esterni taż-żona tal-euro fit-totalità tagħha, għall-finijiet tal-analiżi tal-politika monetarja u tas-suq tal-kambju. B'mod partikolari, din tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-vulnerabbiltà esterna tal-Istati Membri u sabiex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi tal-investimenti f'assi likwidi barra mill-pajjiż mis-settur li għandu investimenti fi flus. Din l-informazzjoni statistika hija fundamentali għall-kumpilazzjoni tal-kont tal-kumplament tad-dinja fil-kontijiet finanzjarja trimestrali taż-żona tal-euro u tista' tgħin ukoll fil-kumpilazzjoni tal-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti. Statistiċi tal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali trimestrali huma l-bażi wkoll għal monitoraġġ ekonomiku dettaljat tal-pajjiż.

Rekwiżiti

Il-BĊNi għandhom jipprovdu statistika dwar il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali fuq bażi trimestrali fir-rigward tal-livelli tal-istokks fit-tmiem tal-perijodu u evalwazzjonijiet mill-ġdid dovuti għar-rata tal-kambju jew bidliet oħrajn fil-prezz.

Id-dejta dwar il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali għandha tikkonforma kemm jista' jkun mal-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4) ta' din il-Linja Gwida). Il-BĊE jiġbor il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali għaż-żona tal-euro fit-totalità tagħha. Ir-rendikont tal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali għaż-żona tal-euro hija ppreżentata fl-Anness II, Tabelli 4 u 4A.

